# IL-BARKA TAL-KARITA’

Lejlet il-Milied il-kappillan tal-villagg zghir ta' San Martin fil-Pirinej Francizi kien qed jipprepara biex jiccelebra l-Quddiesa meta f'daqqa wahda riha mill-aktar tfuh dahlet f'imnifsejh. Kienet ix-xitwa u l-fjuri kienu ilhom li spiccaw, madankollu fl-arja kienet tiddomina riha mill-aktar tfuh bhallikieku r-rebbiegha fegget minn x’mkien.

Kienet gejja minn barra u ghalhekk mar biex jara x'kienet il-kawza meta fuq it-tarag tal-bieb falz tal-knisja lemah tfajjel bil-qieghda. Ma gembu kien jidher li kien hemm sigra tal-Milied tad-deheb.

"Kemm hi sigra sabiha!", esklama il-kappillan. "Jidher li qed tmiss is-smewwiet. U maghmulha minn deheb pura! Fejn sibtha?"

Iz-zaghzugh ma deherx kuntent b'dak li qal il-qassis.

"Huwa veru li dak li qed ingorr kull ma jmur qed jitqal kull darba li nimxi biha fuq spallti u l- weraq jidher qed jibbies. Imma ma jistax ikun deheb u qed nibza' minn dak li ser jghiduli il- genituri tieghi."

U dak it-tfajjel beda jirrakonta l-istorja tieghu: "Dalghodu mort fil-belt ta' Tabres biex nixtri sigra tal-Milied bil-flus li taghtni ommi imma meta kont ghaddej rajt mara fqira u tajtha ftit

minnhom biex tghaddi il-Milied hienja. Ittamajt li tal-hanut jaghtini skont fuq is-sigra li kont ser nixtri."

"Imxejt ftit iehor ghaddejt minn quddiem habs kbir u kien hemm hafna nies jistennew biex jidhlu jaghmlu zjara lil qrabathom habsin. Fuq wicchom kienet tidher id-dieqa ghaliex ilkoll kienu tal-fehema li ser jghaddu il-jum tal-Milied'l boghod minn dawk li kienu jhobbu. Mara zaghzugha b'zewgt itfal maghha, wiehed ta' xi tmien snin u l-iehor tarbija tad-diraghajn smajtha tghid lil ohra hdejha, li lil zewgha ma gabiltu xejn ghax il-ftit li kellha riditu ghal- ghexien taghhom. Malli smajt hekk mort f'hanut vicin xtrajt kaxxa kicculata u tajthilha biex thenni xi ftit lil zewgha. Ghidt bejni u bejn ruhi li tal-fjuri kien habib tieghi u kont cert li jaghtini s-sigra bid-dejn. Kont nahdimlu l-gimgha ta' wara biex inhallas lura d-dejn."

"Meta wasalt ghand tal-fjuri sibt li kien maghluq. Staqsejt ghalih imma wegbuni li s-sid kien biegh il-hanut tieghu ghax ried jirtira mix-xoghol u min hadu kien ser jifthu bhal lokal ghal ikel. Ma sibt lil hadd li jislifini biex nixtri s-sigra minn xi mkien iehor."

" Issa hakimni l-guh u kont ser nidhol nixtri xi haga meta tfajjel iehor talabni xi haga zghira tal- flus biex jitrejjaq ghax kien ilu ma jiekol xi jumejn. F'dak it-tfajjel bil-guh qisni lmaht lil Gesu' u qsamt mieghu dak il-ftit li kien baqghali . Iddecidejt li nirritorna lura d-dar."

"Ghaziz ibni, " qallu l-qassis, " il-fwieha ta' din is-sigra ma jhallu ebda dubju li ghandha l-barka tas-sema. Halli nghidlek jiena issa il-bqija ta' l-istorja."

"Hekk kif hallejt dik ix-xwejha, din irringrazzjat lil Marija Ssma, omm bhala. biex fuqek troxx barka bil-kotra. L-omm ta' dawk iz-zewgt itfal, il-mara tal-habsi certament ratek anglu u tablet lil angli biex iharsuk minn kul deni. Ma ghandix dubju li t-tfajjel ta' hajr lil Alla li kont inti l-mezz biex itaffi il-guh . Il-Vergni, l-Angli u Gesu' semghu t-talb ta' dawk li ghalihom inti kont ta' ghajnuna. Meta inti ksirt dak iz-zokk tas-sigra biex tiehdu mieghek id-dar halli jservi ta' sigra tal-Milied, il-Vergni sawwbet fuqu fwieha l-aktar delikata, l-Angli missew il-weraq u dan tbiddel f'deheb. Meta kollox kien lest, Kristu hares lejn is-sigra u ra li kollox kien sew u bierek dik il-hidma. Minn dak il-hin kull min imiss ma' din is-sigra tal-Milied ikollu dnubietu mahfura u xewqatu maqtugha."

U hekk kien. Il-leggenda tkompli tghid li din is-sigra ghadha hemm, gewwa St. Martin u l- forza taghha hi tant qawwija li dawk kollha li jghinu lil ghajrhom f'lejlet il-Milied ikunu kemm ikunu ‘l boghod mill-villagg, tinzel fuqhom il-barka tas-sema.